**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 15**
**Rik. Nru. 418/16 JZM**

**Colossus Media Limited**
**(C39309)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezentat Colossus Media Limited fil-25 ta` Mejju 2016 li jaqra hekk :–

*Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-Artikolu 218(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*Illi l-kumpannija rikorrenti Colossus Media Limited giet kostitwita fid-9 ta` Awwissu 2006 (**Dok "CML 1"**) u l-azzjonisti taghha huma Noble Trust Company Limited (bin-numru ta` registrazzjoni : 54388) ta` 35, New Road, Belize City, Belize, in kwantu detentrici ta` elf erba` mija u disgha u disghin (1,499) sehem ordinarju 'A' ; u BDO Consult Limited (bin-numru ta` registrazzjoni : C-10943) ta` Tower Gate Place, Tal-Qroqq Street, Msida MSD 1703, Malta, in kwantu detentrici ta` sehem wiehed (1) ordinarju 'B' (**Dok "CML 2"**) ;*

*Illi kopja tal-istatut tal-kumpannija rikorrenti qed jigi anness ma` dan ir-rikors u mmarkat **Dok "CML 3"** ;*

*Illi l-azzjonisti tal-kumpannija, li flimkien huma detenturi ta` `l fuq minn hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-ishma kollha tal-kumpannija rikorrenti, iffirmaw rizoluzzjoni straordinarja ghall-finijiet tal-Artikolu 214(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (**Dok "CML 4"**) li permezz taghha gie deciz illi l-kumpannija ghandha tigi stralcjata u xjolta minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 219 tal-Att dwar il-Kumpanniji ghar-ragunijiet hemm imsemmija u senjatament ghaliex skont l-istess azzjonisti n-negozju tal-kumpannija ilu sospiz ghall-perjodu bla waqfien ta` aktar minn erbgha u ghoxrin (24) xahar u jidher illi l-kumpannija mhijiex f`qaghda finanzjarja li tippermettiha li thallas id-djun taghha u ghalhekk ma tistax terga tibda topera ;*

*Illi sussegwentement ghar-rizoluzzjoni straordinarja fuq imsemmija, u sabiex tissodisfa d-dmirijiet taghha a tenur tal-Artikoli 214(6) u 265(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, il-kumpannija rikorrenti pprezentat Avviz ta` Xoljiment mar-Registratur tal-Kumpanniji (**Dok "CML 5"**) ;*

*Illi l-fatti dwar il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija huma di piu` evidenzjati f`affidavit guramentat tad-direttur tal-kumpannija Mr. Ross Dominic Allan, liema affidavit qed jigi anness ma` dan ir-rikors u mmarkat **Dok "CML 6"** ;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi l-kumpannija Colossus Media Limited (C-39309) tigi xjolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti stess a tenur tal-artikolu 219 et sequitur tal-Att*

*dwar il-Kumpanniji ghar-raguni mfissra fl-Artikolu 214(1)(a) tal-istess Att u dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha illi huma xierqa fic-cirkostanzi.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat l-azzjonista ta` minoranza BDO Consult Limited tas-socjeta` rikorrenti fit-22 ta` Gunju 2016.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Lulju 2016 fejn *inter alia* kien dikjarat mid-difensur tal-azzjonista ta` minoranza li ma kienx hemm opposizzjoni ghax-xoljiment u ghall-istralc tal-kumpannija de qua.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Dritt

Bil-procedura tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha skond l-**Art.214(1) (a) tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-disposizzjoni li fuqha qeghda tistrieh il-kumpannija rikorrenti taqra hekk –

*Kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata fil-kazijiet li gejjin –*

…

*(a) il-kumpannija tirrisolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ;*

Il-kumpannija rikorrenti qeghda tghid li ghandha *locus standi* f`dan il-procediment abbazi tal-**Art.218(1)(a) tal-Kap.386** li jaqra hekk –

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal –*

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a)*

…

*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji* …

Fil-kaz tal-lum, hija l-kumpannija **stess** illi qeghda tipprezenta r-rikors wara risoluzzjoni straordinarja li hadu l-azzjonisti tal-kumpannija (ara Dok CML4 a fol 12 tal-process).

Kif jirrizulta mir-referta a tergo ta` fol 17 tal-process, ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art.218(8)** tal-Kap.386.

L-**Art. 214** tal-Kap.386 jirregola x-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji.

Issa hemm kazi specifikati fil-ligi fejn xoljiment u stralc ***ghandhom*** (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc ***jistghu*** (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera s-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda tistrieh fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214 hija li filwaqt li fl-(**a**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera il-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**) tas-subinciz **(2)** tal-Art.214. Ir-rikorrenti mhix taghmel talba skond dawn id-disposizzjonijiet.

Is-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid **b`riserva**) fil-kazi ndikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art.214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art.214(2)(b) jitkellem **biss** dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-Istralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Art.214(3) ***l-istralc*** huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

## III. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta l-kumpannija rikorrenti giet registrata bin-Nru. C39309 fid-9 ta` Awissu 2006 (Dok CLM1).

Jirrizulta mid-Dok CML2 illi l-azzjonista ta` maggoranza tas-socjeta` hija Noble Trust Company Limited li tippossjedi 1499 Ordinary A Shares fully paid up waqt li l-azzjonista ta` minoranza hija BDO Consult Limited li tippossjedi 1 Ordinary B Share.

B`rizoluzzjoni li kienet ittiehdet waqt laqgha generali straordinarja tal-kumpannija illi saret fl-4 ta` Marzu 2016 (Dok CML4 a fol 12) kien deciz ix-xoljiment u l-istralc tar-rikorrenti skont l-Art 214(1)(a) tal-Kap 386.

Mill-atti tal-kumpannija (Dok CML3 a fol 3), jirrizulta li fost l-*objects of the company* kien hemm *(a) to provide computer services and support to internet marketing companies.*

L-**uniku** direttur tal-kumpannija huwa Ross Dominic Allan, residenti Scotland, Renju Unit, waqt li s-Segretarju huwa Dugan Edward Lane, residenti Malta.

Skont klawsola 6 ta` l-*Articles of Association* tal-kumpannija (fol 9 et seq) tal-process … *the dissolution of the Company shall require the consent in*

*General Meeting of a amember or members holding not less than seventy-five per centum (75%) of the issued paid up share capital.*

Jirrizulta li r-risoluzzjoni tal-4 ta` Marzu 2016 tirrifletti dak li jipprovdu l-*Articles of Association.*

Fl-affidavit tieghu, Ross Dominic Allan ifisser il-fatti u cirkostanzi li wasslu ghat-tehid tar-rizoluzzjoni ta` xoljiment u stralc eventwali tas-socjeta` rikorrenti.

Dak mistqarr fl-affidavit ta` l-istess Ross Dominic Allan mhux kontradett.

Tenut kont tal-fatti u tac-cirkostanzi kif jirrizultaw mill-assjem tal-provi, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li jkun hemm ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija rikorrenti.

**<u>Provvediment</u>**

**In vista tal-premess, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija rikorrenti billi –**

**1) Tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti Colossus Media Limited (C39309) ottemperat ruhha ma` l-Art. 214(1)(a) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija rikorrenti Colossus Media Limited (C39309) b`effett mill-4 ta` Marzu 2016, kif ighid it-tieni proviso tal-Art. 223(1) tal-Kap. 386.**

**3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali stralcjarju tal-kumpannija rikorrenti Colossus Media Limited (C39309) bis-setghat u d-dmirijiet kif huma definiti fil-Kap. 386.**

4) Bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li l-ispejjez kollha tal-procediment tal-lum, inkluzi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti u mill-azzjonisti taghha *in solidum* bejniethom.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**